Mellieħa

24 ta' Jannar 2024

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 59**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **59** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

59.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

59.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

59.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

59.5. Mozzjoni dwar l-ingaġġ ta' żewġ impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill;

59.6. Ristrutturar tal-uffiċjali fl-iskali tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill;

59.7. Finanzjament intiż għal titjib ta' toroq rurali permezz tal-Intervent 73.3: Infrastruttura ta' Investimenti Barra mill-Azjenda (Toroq Rurali) taħt il-Politika Agrikola Komuni – Politika Strateġika 2023-2027;

59.8. Skema tal-LESA - Proġetti fil-Komunitajiet 2024;

59.9. Skema (SPI/SCI/1/2024) dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2024/2025;

59.10. Estimi Finanzjarji 2024:

59.11. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

59.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

59.5. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:

"Billi s-Sinjuri Doriette Fenech Gambin u Marvic De Bono rrinżenjaw mill-impjieġ tagħhom fis-Segretarjat tal-Kunsill;

Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;

Billi permezz ta' imejl datat 14 ta' Diċembru 2023, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-inġaġġ ta' żewġ ufficjali ġodda fi Skala 15 fuq bażi *full-time*, skont il-proċedura stabbilita li waslet fi stadju fejn il-Kunsill kien awtorizzat (ref: 392606) li jintervista persuni li wieġbu għas-sejħa pubblika u oħrajn inklużi fl-aħħar lista mgħoddija mill-aġenzija Jobsplus bid-data tal-5 ta' Diċembru 2023;

Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023, fir-rapport tiegħu tas-16 ta' Jannar 2023, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjuri Rosalina Mifsud (I.D. 472971M) u Chantelle Buttigieg (I.D. 443789M), wara li saru l-intervisti kollha;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuni msemmija b'effett mill-1 ta' Frar 2024.". (P/7/1/Vol VIII

Rebecca Bartolo Cutajar
Proponent

Gabriel Micallef
Sekondant